MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 830/1993/1

**Leonard Falzon**

**v.**

**William Sant**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Lenoard Falzon ("l-attur/l-appellat") flimkien ma' William Sant ("il-konvenut/l-appellant") u terza persuna certu Robert Magro kienu jahdmu ghal madwar hdax-il xahar bi shab flimkien f'xoghol ta' gebel u konkos. Jidher

li eventwalment tlewmu u nfirdu.  L-attur f'din il-kawza qieghed jitlob li l-konvenut ihallsu sehmu mill-ispejjez tan-negozju.  Il-konvenut qed jichad li huwa ghandu jaghti dawn l-ispejjez u minflok intavola kontro-talba li biha qieghed jitlob li l-attur ikun ikkundannat ihallsu l-valur ta' sehmu mill-ghodda mizmuma mill-attur kif ukoll sehmu mill-hlasijiet li l-attur gabar u li baqa' jzomm ghandu.

2  Il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat is-sentenza taghha fil-15 ta' Ottubru, 2002.  Din is-sentenza sejra tigi riprodotta hawn kollha kemm hi billi fiha t-talbiet ta' l-attur kontenuti fic-citazzjoni li huwa pprezenta fit-13 ta' Lulju, 1993 kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu. Is-sentenza taqra hekk:
"Il-Qorti,

"Rat l-att ta' citazzjoni illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-partijiet flimkien ma' certu Robert Magro jahdmu bi shab fix-xoghol tal-bini u konkos;

"Illi l-partijiet baqghu f'dan l-istat hdax il-xahar;

"Illi l-attur dejjem hallas l-ispejjez inkluz sehem il-konvenut liema spejjez il-konvenut qatt ma' hallas lill-attur;

"Illi dan is-sehem tal-konvenut ta' dan id-dejn jammonta ghal Lm2,288.99 (elfejn mitejn u tmienja u tmenin lira Maltin u disa' u disghin centezmu);

"Illi l-attur interpella lill-konvenut ghall-hlas ta' din is-somma izda l-istess konvenut baqa' inadempienti;

"Ghar-ragunijiet premessi talab prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din l-Qorti m'ghandiex :-

(1) prevja d-dispensa mis-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u in vista tal-affidavits ta' Leonard Falzon;

(2) tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' Lm2,288.99 dovuti bhala spejjez mhallsa mill-attur;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda relativa u d-dokumenti esibiti maghha;

“Rat id-digriet moghti waqt l-udjenza ta’ l-ewwel (1) t’ Ottubru, 1993 illi permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u, b’hekk, indirettament, giet michuda l-ewwel (1) talba attrici;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li dak allegat hu totalment invertjer;

“Illi mhux kontestat li l-kontendenti kienu shab bejniethom imma huwa l-attur li jinsab debitur versu l-konvenut u dan peress li dan zamm l-ghodda kollha ghalih kif ukoll zamm xi pagamenti minghajr ma ta’ is-sehem lill-konvenut;

“Illi in oltre l-anqas l-attur stess ma jaf x’qed jippretendi u dan jirrizulta mill-annessa ittra dok (A) minn fejn jirrizulta li l-pretensjoni originali ta’ l-attur kienet fis-somma biss ta’ Lm1,142.00;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

“Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi permezz taghha, wara illi ppremetta illi l-kontendenti flimkien ma’ certu Robert Magro kienu shab flimkien f’xoghol ta’ bini u kostruzjoni;

“Illi wara xi disa’ xhur l-‘partnership’ ‘De Quo’ giet xolta u dan principalment peress li l-konvenut korra gravament;

“Illi l-‘partners’ kellhom sehem ugwali fil-‘partnership’ imsemmi;

“Illi l-konvenut ma hax sehemu kollu mill-‘partnership’ u in effetti l-attur zamm is-sehem tieghu mill-ghodda kif ukoll zamm sehem tal-konvenut ta’ pagamenti minn xi klijienti;

“Talab ghaliex m’ghandiex din l-Qorti;

1. Tiddikjara li l-attur qed izomm ghandu sehem il-konvenut ta’ l-ghodda kif ukoll sehem il-konvenut ta’ certu hlasijiet;

2. Tillikwida sehem l-konvenut tal-hlasijiet imsemmija w sehem l-valur tal-ghodda tal-konvenut;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas il-konvenut s-somma likwidata lill-konvenut;

“Bl-ispejjez u l-imghax u l-attur ingunt in subizjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni relativa, guramentata mill-konvenut, u l-lista tax-xhieda annessa maghha;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-attur ghat-talba rikonvenzjonali illi permezz taghha eccepizza :

“Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut William Sant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjezstante li l-attur Leonard Falzon dejjem hallas mill-ewwel lill-konvenut William Sant kif ukoll lis-sieheb l-iehor Robert Magro sehmhommill-profitti;

“Illi a rigward sehem il-konvenut William Sant mill-ghodda jigi eccepit li l-ghodda qatt ma gew mitluba lill-attur Leonard Falzon u l-attur Leonard Falzon qieghed izomm l-ghodda biex jaghmlu tjjeb ghal dak lilu dovut minn William Sant,

“Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni relativa, guramentata mill-attur, u l-lista tax-xhieda relativa;

“Rat id-digriet ta’ l-ghaxra (10) ta’ Marzu, 1995 illi permezz tieghu gie mahtur l-Assistant Gudizzjarju Dottor Paul Caruana Curran sabiex jisma’ l-provi kollha;

“Rat in-nota ta’ l-atturipprezentata fl-ghoxrin (20) ta’ Dicembru, 1995 illi permezz taghha huwa rriduca t-talba tieghu ghal elf, mija u sitta u erbghin lira Maltija u erbgha centezmi (Lm1,146.04) u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjes;

“Ezaminat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti u n-nota tal-konvenut ipprezentata waqt l-udjenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Gunju, 2002;

“Ezaminat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Ikkunsidrat dwar it-talba attrici :

“Illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi, flimkien ma’ terza persuna - ix-xhud Robert Magro - ghal ftit anqas minn sena huma ghamlu xoghol ta’ kostruzzjoni ta’ bini bi shab. Anqas ma huwa kontestat bejn il-kontendenti illi l-ispejjes ghall-materjal relativ kien johroghom l-attur. Però, sa hawn biss jaqblu l-kontendenti ghaliex, filwaqt illi l-attur isostni - u ghalhekk intavola l-kawza odjerna - illi l-konvenut ma hallasx sehmu minn dawn l-ispejjes, il-konvenut isostni illi l-ispejjes illi inkorra l-attur dejjem tnaqqsu mill-ammonti illi kienu jithallsu mill-persuni illi ghalihom il-kontendenti u Magro ghamlu x-xoghol ta’ kostruzzjoni;

“Il-Qorti trid taghmilha cara mill-ewwel illi ma hija xejn kuntenta bid-depozizzjonijiet konfuzi u neqsin mill-lucidità tal-kontendenti u ta’ l-imsemmi Robert Magro. Però, hija trid tasal ghal decizjoni fid-dawl tal-provi prodotti u, wara illi ezaminat mill-ahjar illi setghet dawn il-provi, tasal ghall-konkluzjoni illi l-verzjoni tal-fatti kif temergi mid-depozizzjonijiet u dikjarazzjonijiet guramentati ta’ l-attur hija aktar affidabbli minn dik illi temergi minn dawk tal-konvenut. F’dan ir-rigward huwa utili illi jinghad illi waqt illi kien qed jixhed quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit-tlettax (13 ta’ Jannar, 1997 il-konvenut, fost affarijiet ohra, qal :

“L-attur gabar il-flus minghand Charles Farrugia u minflok qsamnih[om] it-tlieta tajnihom lil Falzon [l-attur] biex izommhom hu.”

“L-istess Charles Farrugia, però, xehed (fid-19 ta’ Frar, 1996, ukoll quddiem l-Assistant Gudizzjarju) illi lill-kontendenti u lil Robert Magro huwa ma hallashomx tax-xoghol illi ghamlulu;

“Illi l-imsemmi Robert Magro xehed fit-tul hafna quddiem l-Assistant Gudizzjarja fit-tlieta (3) ta’ Novembru, 1998 u, fost affarijiet ohra, qal illi kull meta huwa u l-kontendenti kienu jigu biex jaqsmu l-flus illi jdahhlu mix-xoghol illi jkunu ezegwew l-ewwel kienu jitnaqqsu l-ispejjes illi jkun ghamel l-attur.  Il-Qorti ssibha difficli illi temmen lil dan ix-xhud meta jigi konsidrat illi l-attur, xehed - u ma giex kontradett - illi dan ix-xhud baqghalu jatih bilanc ta’ tlett mitt lira Maltija (Lm300), kif jirrizulta mid-dokument LF1 illi esibixxa l-istess attur waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju fit-tlettax (13) ta’ Novembru, 1995;

“Illi l-attur irnexxielu jipprova illi huwa ghandu jiehu minghand il-konvenut terz (1/3) ta’ l-ispejjes illi jirrizultaw mid-dokumenti markati A, B, C, D, F, G, H, u I esibiti ma’ l-att ta’ citazzjoni, liema spejjes jammontaw ghal erbghat elef, mitejn u zewg lira Maltija u tmienja u ghoxrin centemzu (Lm4,202.28). It-terz dovut mill-konvenut, ghalhekk, jammonta ghal elf u erbgha mitt lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm1,400.76). Però, peress illi l-attur, kif già inghad, irriduca t-talba tieghu ghal Lm1,146.04, il-Qorti ma tistax takkorda lill-attur aktar milli qed jitlob u, ghalhekk sejra tilqa t-talba attrici limitatament ghal dak illi qed jitlob l-attur;

“Ikkunsidrat dwar il-kontro-talba tal-konvenut :

“Illi l-konvenut qed isostni illi l-attur zamm ghandu sehem l-istess konvenut minn “certu hlasijiet” illi rcieva ghax-xoghol illi hadmu flimkien (u ma’ Magro) u illi l-attur qed izomm ghandu wkoll sehem il-konvenut mill-ghodda illi t-tlett (3) shab xtraw flimkien, u qed jitlob illi jigu likwidati s-

sehem tieghu minn dawn il-hlasijiet u mill-valur ta’ dawn l-ghodda u illi l-attur jigu kundannat ihallsu l-ammonti hekk likwidati;

“Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi l-attur ircieva xi pagamenti ghal xoghol illi huwa, l-konvenut u Magro ghamlu flimkien u ma tax is-sehem minnhom illi kien jispetta lill-konvenut. Huwa sinjifikattiv f’dan ir-rigward illi l-imsemmi Robert Magro, waqt id-depozizzjoni twila tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju hawn fuq imsemmija, fost affarijiet ohra, jghid hekk :

“… gieli hadna xi hlasijiet, imma l-bicca l-kbira kien jaqbad il-flus minn idejn is-sid Leonard [l-attur] u mbaghad kienu jinqasmu bejnietna.” (sottolinear tal-Qorti);

“Jinsab pruvat illi hemm xi xoghol illi ghamlu bi shab il-kontendenti u Magro u illi tieghu ghadhom ma thallsux. Kif inghad aktar il-fuq, ix-xhud Charles Farrugia qal illi huwa ma hallasx ghax-xoghol illi ezegwewlu l-kontendenti u Magro. B’daqshekk, però, ma jfissirx illi l-attur ghandu jaghti lill-konvenut ghaliex dan ta’ l-ahhar ma jistax jippretendi illi l-attur itih sehmu minn dak illi ghadu ma nkassax;

“Ilkkunsidrat :

“Illi l-attur jammetti illi huwa ghandu fil-pussess tieghu xi ghodda illi nxtraw bi flus komuni tieghu, tal-konvenut u ta’ Magro. Però, il-kontendenti ma jaqblux dwar il-valur ta’ l-ghodda. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa ma’ nota pprezentata fl-erbgha (4) ta’ Novembru, 1993, il-konvenut jghid illi l-ghodda kienet tiswa “cirka disa’ mitt lira Maltin” (sottolinear tal-Qorti) u hekk isostni ukoll fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu ipprezentata waqt l-udjenza tat-tlettax (13) ta’ Frar, 2002. Ix-xhud Robert Magro dwar il-valur ta’l-ghodda mixtrija flimkien jghid hekk fl-imsemmija depozizzjoni tieghu :

"Miniex ezatt ta, imma qisu bejn qisu bejn disa' mija, tnax-il mija (sottolinear tal-Qorti)."

"L-attur, min-naha tieghu, waqt id-depozizzjoni tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 1995 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, dwar din l-ghodda jghid hekk :

"Qieghed nesibixxi Dok. 'LF2' li juri l-prezz ta' parti mill-ghodda li xtrajna flimkien u li huma in kwistjoni (sottolinear tal-Qorti)."

"Il-valur komplessiv indikat fid-dokument LF2 (liema dokument jikkonsisti f'4 ricevuti) huwa ta' erbgha mija u hamsa lira Maltija (Lm405). Terz ta' din is-omma jekwivali ghal mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135). Però, fil-paragrafu enumerat hdax (11) tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro-talba, l-attur jghid hekk :

"Illi l-attur Leonard Falzon ghandu jghati lill-konvenut William Sant Lm168 sehmu mill-ghodda li gew mixtrija bi shab u li se jzommhom l-attur (sottolinear tal-Qorti);

"F'dan l-istat ta' provi il-Qorti qed tillikwida l-valur ta' sehem il-konvenut mill-ghodda mixtrija flimkien fl-ammont ta' Lm168. F'din il-likwidazzjoni qed jittiehed kont tal-fatt illi, kif jghid tajjeb l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tieghu pprezentata fil-hamsa (5) ta' Gunju, 2002, din l-ghodda ghandha tigi konsidrata bhala uzata u mhux gdida;

"Ghal dawn il-motivi :

"Tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut;

"Tiddikjara illi ma hemmx lok ghal provvediment dwar it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut ghaliex dak illi gie sottomess fiha jifforma l-meritu tat-talba rikonvenzjonali;

"Tiddikjara illi, in vista tan-nota ta' riduzzjoni tat-talba attrici hawn fuq imsemmija, ma hemmx lok ghal

provvediment dwar dak sottomess fit-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut;

"Tichad l-ewwel talba attrici;

"Tilqa' it-tieni (2) talba attrici kif ridotta billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u sitta u erbghin lira Maltija u erbgha centezmi (Lm1,146.04);

"Tordna illi l-ispejjes konnessi mat-talba attrici jigu sopportati kollha mill-konvenut, b'dan illi ghall-finijiet ta' intaxxar is-somma mitluba mill-attur ghandha tigi konsidrata bhal dik kif ridotta ghal Lm1,146.04;

"Tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni u tirrespingi t-tieni (2) eccezzjoni ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali;

"Tipprovdi dwar it-talbiet rikonvenzjonali billi kwantu ghall-ewwel (1) wahda tilqaghha ghar-rigward ta' l-ghodda u tirrespingiha ghar-rigward ta' sehem il-konvenut mill-hlasijiet, kwantu ghat-tieni (2) talba billi tillikwida sehem il-konvenut mill-ghodda fl-ammont ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm168), u kwantu ghat-tielet (3) talba billi tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut is-somma ta' Lm168 hekk likwidata;

"Tordna illi l-ispejjes konnessa mall-kontrotalba jigu sopportati kwantu ghal nofs (½) mill-konvenut u kwantu ghal nofs (½) mill-attur."

**<u>II L-APPELL</u>**

3. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha permezz ta' rikors ta' appell prezentat quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2002. Bazikament l-appellant ikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process u talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata:
"fis-sens li ghar-rigward tat-talbiet ta' l-attur tichad ukoll it-tieni talba tieghu u fit-talbiet ta' l-appellant kif mitluba fir-

rikonvenzjoni tieghu tirriforma t-tieni u tielet talba tieghu billi fit-tieni talba tordna l-hlas likwidat dovut mill-attur lill-konvenut fl-ammont ta' LM1960.40 cents[1] u tilqa' t-tielet talba ta' l-appellant billi tikkundanna lill-attur appellat ihallas lill-konvenut appellant l-ammont ta' LM1960.40 bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikonvenzjoni fl-atti mill-konvenut, u bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat."

4. L-attur appellat ikkontesta l-appell b'risposta dettaljata prezentata fit-22 ta' Dicembru, 2003. Fiha talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez kollha u l-imghaxijiet legali kontra l-appellant.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Kif diga' nghad l-appellant qieghed jikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi migbura, u ma tistax ma tirrimarkax, bhal ma ghamlet l-ewwel Qorti, li d-deposizzjonijiet tax-xhieda huma pjuttost konfuzi u neqsin mil-lucidita`. Ghalkemm ix-xhieda jaqblu f'certi punti pero` huma jaghtu verzjonijiet konfliggjenti ghal dawk li huma l-fatturi essenzjali f'din il-kawza. Ghalhekk bazikament, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, riedet taghmel ezercizzju ta' valutazzjoni tal-provi biex tasal ghal-liema miz-zewg verzjonijiet moghtija, cioe` dik ta' l-attur u dik tal-konvenut, hija l-aktar kredibbli u verosimili.

6. Il-fatti saljenti tal-kaz huma li l-partijiet f'din il-kawza flimkien ma' certu Robert Magro, li xehed ukoll f'din il-kawza, inghaqdu fi shab bejniethom bi skop li jaghmlu xoghol ta' bini u konkos. L-attur jidher li kien diga` avjat f'dan il-mestjier u gab fl-assoccjazzjoni l-ghodda li diga` kellu, mentri z-zewg persuni l-ohra ma kellhom xejn u dawn kienu jaghmlu uzu mill-ghodda ta' l-attur. Huma ftehmu bejniethom li kemm l-ispejjez u kemm il-qliegh tan-negozju taghhom jaqsmuh indaqs bejniethom. Ftehmu wkoll li jixtru aktar ghodda biex ikunu jistghu jkabbru n-

[1] sehem tal-konvenut tal-hlasijiet migbura mill-attur tal-fond ta' Dr. Vella Baldacchono, LM1660.40 u LM300 sehmu ta' l-ghodda

negozju taghhom. Fil-fatt hekk ghamlu. Huma baqghu jahdmu b'dan l-arrangjament ghal ftit anqas minn sena. Jirrizulta li ma bdewx jaqblu bejniethom u ghalhekk huma xoljew is-shubija taghhom. L-attur jghid li kellu jirrikorri ghall-Qorti biex jigbor minghand il-konvenut sehmu mill-ispejjez tan-negozju li baqghu pendenti u li l-konvenut ma kienx hallsu taghhom. L-attur jghid li Robert Magro kien hallas dak li kien dovut minnu lill-attur ghal dawn l-ispejjez. Mill-banda l-ohra l-konvenut qed jichad li huwa ghandu jaghti l-ispejjez pretizi mill-attur. Inoltre, l-konvenut ippropona kontro-talba li fiha qieghed jallega li huwa ghandu jithallas tal-valur ta' l-ghodda li nxtrat bi flus taghhom it-tlieta u li din l-ghodda baqghet mizmuma mill-attur. L-attur ammetta mill-ewwel li din l-ghodda li nxtrat fis-shubija, baqghet ghandu pero` huwa spjega li din l-ghodda baqa' jzommha bhala speci ta' rahan biex jithallas tal-kreditu pretiz f'din il-kawza. Barra minn dan, il-konvenut qieghed jippretendi wkoll li l-attur kien gabar xi flus minghand il-klijenti taghhom bhala hlas ghax-xoghol li kienu ghamlu waqt is-shubija u qieghed jallega li l-attur qatt ma tah sehmu minn dawn il-flus allegatament migbura mill-attur. Il-verzjoni ta' l-attur dwar dan hija kompletament differenti ghax huwa xehed in sostanza li fl-flus kollha li gabar ghax-xoghol li ghamlu waqt is-shubija kienu debitament inqasmu bejniethom it-tlieta skond il-ftehim.

7. L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha partikolarment meta ghazlet li temmen kwazi dak kollu li qal l-attur u tiskarta dak kollu li xehed il-konvenut. Bazikament il-konvenut appellant qieghed jghid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex raguni li taghmel dan ghaliex kien jidher mill-bidunett li l-attur ma kienx kredibbli, tant li kien zbaljat anke fit-talba tieghu tac-citazzjoni meta talab l-ammont ta' elfejn mitejn u tmienja u tmenin lira u disgha u disghin centezmu (LM2,288.99c) liema ammont ma kienx jaqbel ma' l-ammont mitlub mill-istess attur b'ittra interpellatorja li kien baghat lill-konvenut qabel bdiet din il-kawza. Il-konvenut jallega wkoll li wara li l-konvenut ressaq il-provi tieghu l-attur irriduca t-talba

tieghu ghas-somma ta' elf mija u tnejn u erbghin lira (LM1,142).

8. Dan l-argument diga` gie mressaq quddiem l-ewwel Qorti, kif jirrizulta minn qari tan-Nota ta' Osservazzjonijiet intavolata mill-konvenut u li tinsab a fol. 217 *et sequitur* tal-process.

9. Fin-nota responsiva tieghu, ukoll prezentata quddiem l-ewwel Qorti, ezattament a fol. 224 *et sequitur* tal-process, l-attur spjega li d-divergenza indikata mill-konvenut ma kenitx kwistjoni ta' kredibbilita` izda aktarx kienet rizultat ta' xi malintiz li sehh mal-prezentata tac-citazzjoni fejn irrizulta li ma giex prezentat id-dokument E. L-attur ma kienx f'posizzjoni li jiftakar x'setghet kienet din l-ircevuta u ghalhekk fic-cirkostanzi huwa irrimetta ruhu ghall-provi u aktar tard irriduca t-talba tieghu. Inoltre, l-attur ta spjegazzjoni wkoll dwar id-divergenza li tezisti bejn l-ammont mitlub fl-Att tac-Citazzjoni u l-ammont mitlub fl-ittra interpellatorja esebita a fol. 26 tal-process. Huwa spjega li wara li kienet ntbaghtet dik l-ittra, kien hareg difett f'saqaf li nbena waqt is-shubija fil-binja li saret ghal Dr. Vella Baldacchino fil-Mellieha, liema difett kellhom jaghmlu tajjeb ghalih it-tlett siehba. Madankollu, l-ispejjez relattivi biex gie rimedjat dan id-difett, harighom kollha l-attur wahdu u ghalhekk zied terz ta' din l-ispiza mat-talba li kien ghamel originarjament fl-ittra interpellatorja.

10. Kif diga` nghad, dawn l-argumenti diga' tressqu quddiem l-ewwel Qorti li ghazlet li taghti aktar kredibbilita` lit-tezi ta' l-attur. Din il-Qorti ma tara l-ebda stramberija jew ingustizzja f'dan l-operat ta' l-ewwel Qorti. Fl-istess aggravju l-appellant iqajjem punt iehor u cioe` li l-attur naqas li jissostanzja l-ispejjez li qed jitlob fl-att tac-citazzjoni li huma murija fil-kontijiet mahruga mill-Perit Karmenu Vella, billi l-attur lanqas biss tella' lil dan il-perit sabiex jixhed. Kif sewwa rrimarka l-attur, il-kwistjoni f'din il-kawza ma kenitx tirrigwarda essenzjalment jekk l-ispejjez pretizi mill-attur kinux saru jew le. Minflok, il-kwistjoni kienet precizament jekk il-konvenut hallasx sehmu minn dawn l-ispejjez. Ta' min jirrimarka wkoll li ma kien hemm xejn li jzomm lill-konvenut stess milli jharrek

lill-Perit Karmenu Vella biex jitla' jixhed dwar il-kontijiet esebiti ghaliex il-konvenut fil-lista tax-xiehda tieghu a fol. 23 tal-process kien indika bhala xiehda tieghu l-istess xiehda li gew indikati mill-attur. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

11. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant indika xi provi li johorgu mix-xiehda ta' l-istess appellant kif ukoll tax-xhud Robert Magro li huma fis-sens li meta huma kienu jdahhlu l-flus bhala hlas tax-xoghol li kienu jaghmlu minghand il-klijenti taghhom, l-ispejjez inkorsi minnhom biex jaghmlu l-istess xogholijiet kienu jinqatghu mill-ewwel.

12. Il-Qorti tinnota li dan l-argument ukoll diga` tressaq fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut, u li l-istess ilment gie mwiegeb ukoll mill-attur. L-attur spjega li kien hemm hafna spejjez li verament kienu gew saldati billi inqatghu mill-hlasijiet akkont li kienu jircievu minghand il-klijenti taghhom. Madanakollu, huwa spjega li dawn l-ispejjez partikolari li qed jitlob fl-att tac-citazzjoni huma l-bqija ta' l-ispejjez li ma lahqux nqasmu bejniethom qabel xoljew l-assocjazzjoni taghhom. Dan l-argument tressaq diga` quddiem l-ewwel Qorti li ghazlet it-tezi ta' l-attur bhala iktar kredibbli u verosimili minn dik tal-konvenut, ghar-raguni spjegata fl-istess sentenza appellata. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi relattivi. Konsegwentement anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

13. Bit-tielet aggravju tieghu, l-appellant allega li l-attur ressaq bhala xhud lil Charles Farrugia biex jinganna. Dan ix-xhud xehed sostanzjalment li huwa ma kienx hallas ghax-xoghol li kienu ghamlulu t-tliet shab ghaliex ix-xoghol li tahom ma spiccawhx u huwa kellu jqabbad lil haddiehor li accettaw li jahdmulu bi prezzijiet ferm iktar gholjin. L-appellant jallega li dan ix-xhud ma tantx huwa affiddabbli ghaliex kien jidher car li huwa qrib ta' l-attur u, fil-kliem testwali tal-konvenut:-
"jidher li kienu flimkien partu xi xoghol li Leonard Falzon kien ordna xoghol bhala tpacija ta' l-injam minghandu."

14. Din il-Qorti ma fehmitx x'ried jghid ezattament l-appellant b'dan l-ahhar imsemmi kliem tieghu. Il-Qorti tifhem li l-appellant qieghed jallega li dan Farrugia hallas lill-attur appellat ghax-xoghol li kienu ghamlulu t-tlett ishab, u li l-attur zamm ghalih il-flus kollha. Il-Qorti jidhrilha li hija flokha r-risposta li ta l-attur ghal dan l-aggravju ta' l-appellant:
"Jekk l-appellant kellu xi prova ta' dan il-hlas, messu ressaqha. Jekk ma kellux, allura r-rimedju tieghu kien li jazzjona lil dan Farrugia biex ihallsu tax-xoghol li ghamillu u mhux jiffantasizza li sar hlas lill-appellat u jippretendi hlas minghand l-appellat."

Ghalhekk anke dan it-tielet aggravju qed jigi respint.

15. L-appellant jilmenta wkoll mil-likwidazzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet ta' sehem il-valur mill-ghodda mixtrija flimkien. L-appellant jghid li l-Qorti zbaljat ghax messha llikwidat ammont ta' tlett mitt lira (LM300) bhala sehem il-konvenut dwar dawn l-ghodda, ghaliex dawn l-ghodda kienu nefqu ghalihom cirka disgha mitt lira (LM900).

16. Anke dan l-aggravju qed jigi respint ghaliex fuq l-aspett tal-valur ta' l-imsemmija ghodda hemm konflitt fil-provi. Jirrizulta li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet pjenament konxja tal-konflitt li kien jezisti fil-provi ghaliex fis-sentenza appellata ghamlet accenn ghall-istess provi konfliggenti. Mehuda in konsiderazzjoni c-cirkosanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta dwar din il-kwistjoni u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

17. Parti ohra tal-kontro-talba ta' l-appellant kienet tirrigwarda l-allegazzjoni tieghu li l-attur ircieva xi pagamenti ghal xi xoghol illi huwa, il-konvenut u Magro kienu ghamlu flimkien. Il-konvenut allega li l-attur zamm ghandu dawn il-flus u ma tax is-sehem minnhom li kien jispetta lill-konvenut. L-ewwel Qorti kienet sabet li l-konvenut ma rnexxielux jipprova din l-allegazzjoni tieghu. Kif diga` ntqal aktar qabel f'din is-sentenza, l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti tillikwida l-ammont dovut mill-

attur lill-konvenut fis-somma ta' elf disa' mija u sittin lira u erbghin centezmu (LM1,960.40c). Madanakollu ghandu jigi rilevat illi fir-rikros ta' l-appell tieghu, l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju u ma spjega xejn ghaliex, fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta hija kkonkludiet li l-konvenut ma kienx irnexxielu jipprova illi l-attur ircieva xi pagamenti ghal xoghol illi huwa, il-konvenut u Magro ghamlu flimkien u l-attur ma tax is-sehem minnhom li kien jispetta lill-konvenut. Evidentement kien jispetta lill-konvenut appellant li jekk ried li din il-Qorti tirrevedi din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, huwa kellu jindika lil din il-Qorti r-raguni jew ir-ragunijiet ghaliex ma kienx jaqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. L-appellant ma ghamel xejn minn dan u evidentement f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi relattivi.

18. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu tal-konvenut appellant .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------